MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 740/2009

**Far-Fetched Media Limited**

**-vs-**

**Modern Image Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2009 li permezz tiegħu s-soċjeta' attrici ppremettiet:

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet tippossjedi l-fond Studio 2, Mdina Road, Żebbuġ, ZBG 9018 Malta, liema fond kien qiegħed jiġi wżat mill-istess soċjeta' rikorrenti flimkien mal-intimati, li min naha tagħhom jikru dan il-fond mingħand terzi.

2. Illi dan l-użu da parti tas-soċjeta' rikorrenti kien riżultat ta' ftehim bejn il-partijiet hawn fuq imsemmija,

liema ftehim huwa riżultat tal-fatt li l-partijiet kienu sħab f'negozju.

3. Illi kien fl-andament ta' dan in-negozju li nibet dan il-ftehim u kien b'riżultat tal-ħtiġijiet ta' dan in-negozju li s-soċjeta' rikorrenti kellha l-bżonn li tagħmel użu minn dan il-fond, liema użu kompla initerrottament għal sena u ħames xhur.

4. Illi nhar is-26 ta' Ġunju 2009, meta rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti ppruvaw jidħlu ġewwa l-fond hawn fuq imsemmi, sabu li l-katnazz li jaqfel l-entrata ta' dan il-fond kien inbidel u għalhekk ma setgħux jidħlu.

5. Illi rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, bil-moħbi tas-soċjeta' rikorrenti, bil-vjolenza u b'mod abusiv, personalment jew permezz ta' aġenti tagħhom, aċċedew fuq il-fond in kwistjoni u biddlu l-katnazz li jaqfel l-entrata ta' dan il-fond, b'mod li s-soċjeta' rikorrenti m'għandhiex iktar aċċess għal dan il-fond.

6. Illi minbarra l-impossibbilta' li jagħmlu użu mill-fond in kwistjoni, a kawza ta' din il-bidla fil-katnazz, ir-rapprezentanti lanqas ma setgħu jaċċedu għal proprjeta' mobbli (inklużi l-kotba u l-*accounts*) tagħhom li kienu qed jinżammu ġewwa dan il-fond.

7. Illi dan l-aġir tas-soċjeta' intimata jikkostitwixxi spoll u jagħti lok għall-eżerċizzju tal-azzjoni ta' spoll.

Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata kkommettiet spoll fir-rigward tagħha;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex jerġa' jingħata aċċess għall-fond in kwistjoni lis-soċjeta' rikorrenti; u

3. Fin-nuqqas li jagħmlu dan fiż-żmien lilhom prefiss, tawtorizza lis-soċjeta' rikorrenti tagħmel dawk ix-xogħlijiet neċessarji, *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi, a spejjeż tas-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjeż, u b'riserva ta' kull azzjoni oħra għad-danni spettanti lis-soċjeta' rikorrenti kontra s-soċjeta' intimata.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta debitament notifikata ma ppreżentatx risposta u allura hija kontumaċji skond il-liġi;

Rat l-affidavit ta' Andrew Farrugia u semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża ta' spoll. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll.

Illi kif jidher mill-att promoturju s-soċjeta' attriċi qed tallega li ġiet spussessata mill-fond imsemmi fir-rikors da parti tas-soċjeta' konvenuta.

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il*

*darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistgħax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ġie ritenut fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi kif ukoll ġie ritenut;

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġiżlazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Francizi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna – Appell Ċivili –* ***"Cardona vs Tabone"*** *– deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).*

Illi l-Qorti jidhrilha li mill-provi mressqa (li ma ġewx kontestati) it-talba attriċi tirriżulta ampjament. Infatti s-soċjeta' konvenuta qabdet u bidlet il-katnazz u allura s-soċjeta' attrici ma setgħetx taċċedi aktar fil-fond.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet kollha attriċi; tipprefiġġi terminu ta' xahar biex isiru x-xogħlijiet li hemm bżonn; u tinnomina lill-A.I.C David Pace bħala espert tekniku illi f'kull każ għandu jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji.**

**Spejjeż kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------